MALTA

# QORTI CIVILI

## PRIM' AWLA

### ONOR. IMHALLEF

### ANNA FELICE

Seduta tal-11 ta' Marzu, 2015

Citazzjoni Numru. 89/2015

**Dr John Refalo bhala mandatarju specjali tal-kumpanija Schlumberger Italiana S.p.A, kumpanija bl-ufficcju registrat gewwa Via dell'Unione Europea 4, 20097 San Donato Milanese, MI, Milan, Italja**

**vs**

**Patron Group Limited [C-35360]**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat tal-Avukat John Refalo bhala mandatarju specjali tal-kumpanija Schlumberger Italiana S.p.A, kumpanija bl-ufficcju registrat gewwa Via dell'Unione Europea 4, 20097 San Donato Milanese, MI, Milan, Italja li in forza tieghu wara li gie premess illi:

Fit-8 t'April 2013 is-socjetà intimata inkarigat lis-socjetà rikorrenti sabiex tipprovdilha s-servizzi professjonali taghha konsistenti f'*Data Consultancy on Maltese Offshore Blocks* versu l-prezz ta' sebgha u sebghin elf Ewro (€77,000), u dan hekk kif jirrizulta ahjar mill-ordni minnha mibghtua, kopja ta' liema hija hawn annessa u mmarkata bhal Dokument 'A'.

Kif pattwit bejn il-partijiet l-ammont kellu jithallas in kwantu ghal 50% bhala depositu qabel ma jibda l-inkarigu u l-bilanc rimanenti "*within 15 days from completion*".

Il-kumpannija rikorrenti qdiet l-obbligi taghha fedelment u malli temmet l-inkarigu taghha ipprezentat il-kont taghha ghall-hlas (Dokument 'B') izda l-intimata baqghet inadempjenti minkejja diversi interpellazzjonijiet mibghuta.

Fost l-ohrajn il-kumpanija rikorrenti interpellat lill-intimata thallas b'ittri legali tat-28 ta' Lulju, 2014 u tas-16 ta' Ottubru, 2014 permezz ta' liema ntalbet thallas il-bilanc flimkien mal-imghaxijiet kummercjali kollha skond il-ligi, kopji rispettivi huma hawn annessi u mmarkati bhala Dokumenti 'C' u 'D'.

L-intimata qatt ma tat raguni li tiggustifika n-nuqqas ta' hlas taghha u fil-fatt qatt ma rrispondiet ghall-interpellazzjoniet li sarulha.

Ghalhekk sal-lum is-socjetà intimata hija debitrici tas-socjetà mittenti fl-ammont ta' tmienja u tletin elf u hames mitt Ewro (€38,500) rapprezentanti il-bilanc tal-prezz pattwit flimkien mal-imghaxijiet kollha dovuti.

L-ammont mitlub huwa cert likwidu u dovut.

Sa fejn taf l-esponenti s-socjetà intimata m'ghandha ebda eccezzjonijiet validi x'tissolva kontra din it-talba.

Ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Intalbet din il-Qorti biex:

1. Tipprocedi bis-smigh ta' din il-kawza bid-dispensa tas-smigh skond il-procedura preskritta fl-artikolu 167 et sequitur tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.

2. Tikkundanna lis-socjetà intimata thallas lis-socjetà rikorrenti s-somma ta' tmienja u tletin elf u hames mitt Ewro (€38,500) kif premess f'dan ir-rikors.

Bl-imghaxijiet legali mid-data tal-fattura sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez. Is-socjetà intimata fil-persuna tar-rapprezentant gudizzjarju taghha hija minn issa ingunta in subizzjoni.

Rat id-dokumenti.

Semghet lix-xhud Josette Zammit in rapprezentanza tas-socjetà intimata li konfermat illi s-socjetà intimata m'hijiex bi hsiebha tikkontesta l-kawza u li ammettiet li l-ammont huwa tassew dovut.

Ghaldaqstant fic-cirkostanzi il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-ewwel talba; tilqa' t-tieni talba u tikkundanna lis-socjetà Patron Group Limited thallas lir-rikorrenti nomine is-somma ta' €38,500 (tmienja u tletin elf u hames mitt Ewro), bl-ispejjez u imghaxijiet kif mitluba fir-rikors promotur.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu minn Patron Group Limited.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------